MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Citazzjoni Numru. 550/2000/1

**Joseph Attard**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Attard u John Attard**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi l-kontendenti kienu socji fis-socjeta' 'en nom collectif' Attard Bros;

Peress illi l-attur ma baqax socju fl-istess socjeta' kummercjali stante li huwa biegh sehmu lill-konvenuti f'sehem ugwali bejniethom.

Peress illi l-attur ghadu ma thallasx dak kollu li kien dovut lilu bhala prezz ta' sehmu mibjugh lill-konvenuti mill-attur; ossia bilanc fl-ammont ta' erba' u ghoxrin elf tlett mija u wiehed u hamsin lira maltija (Lm24,351) oltre l-interessi mill-1 ta' Marzu 1980 fuq is-somma originali sad-data tal-pagament effettiv.

Peress illi huwa l-attur jippretendi wkoll terz (1/3) mill-qliegh mir-rikavat tal-bejgh ta' l-assi da parti tas-socjeta' percepit mis-socji.

Peress illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu, huma baqghu inadempjenti:

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1) tiddikjara lill-konvenuti bhala certi u likwidi debituri a favur ta' l-attur fis-somma ta' erba' u ghoxrin elf tlett mija u wiehed u hamsin lira maltija (Lm24,351) oltre l-interessi mill-1 ta' Marzu 1980 fuq is-somma originali sad-data tal-pagament effettiv.

2) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta Lm24,351 erba' u ghoxrin elf tlett mija u wiehed u hamsin lira maltija oltre l-interessi mill-1 ta' Marzu 1980 (elf disa' mija u tmenin), sad-data tal-pagament effettiv.

3) tillikwida sehem l-attur f'porzjon ta' terz (1/3) mill-qliegh mir-rikavat tal-bejgh ta' l-assi tas-socjeta' percepit mis-socji.

4) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil l-attur dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol.3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Attard** a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:

Fl-ewwel lok li l-pretensjonijiet attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' hames snin sija ghar-rigward il-kapital kemm ghar-rigward l-imghax ghat-tenur ta' l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili;

Minghajr pregudizzju illi kull ammont dovut lill-attur mill-konvenut gie mhallas ghas-saldu u ma hemm l-ebda ammont iehor li jista' jkun dovut;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pretensjoni ta' l-attur ghal terz mill-qliegh tar-rikavat tal-bejgh ta' l-assi da parti tas-socjeta' precepiet mis-socji huwa in konflitt mat-talba tieghu ghall-hlas ta' bilanc ta' prezz pretiz dovut u wkoll ghal allegazzjoni li kien hemm bejgh ta' l-ishma fis-socjeta' u ghalhekk hija kompletament insostenibbli;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ic-citazzjoni ta' l-attur hija wkoll monka ghax m'humiex ezibiti d-dokumenti a bazi ta' liema tali talba tista' ssir u cioe' l-iskrittura ta' trasferiment ta' l-ishma in kwistjoni;

Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo sive Charles Attard** a fol. 22 tal-process fejn eccepixxa:

Illi ghar-rigward ta' l-ewwel zewg talbiet attrici jirrimetti ruhu ghal dak li jirrizulta fil-kawza, izda ghar-rigward tat-tielet talba attrici jopponiha ghaliex mhux fondata.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet hlief ta' Charles Attard;

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jitlob is-somma ta' Lm24,351 oltre l-interessi mill-1 ta' Marzu 1980 fuq somma li tirrapprezenta prezz ta' sehemu mibjugh lill-konvenuti fis-socjeta' kummercjali Attard Brothers. Talab ukoll li dina l-Qorti tillikwida sehemu f'porzjon ta' terz (1/3) mill-qliegh mir-rikavat tal-bejgh ta' l-assi tas-socjeta' percepit mis-socji.

Il-konvenut John Attard eccepixxa li l-preskrizzjoni ta' hames snin sija ghar-rigward il-kapital kemm ghar-rigward l-imghax a tenur ta' l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili.

Inoltre skond kuntratt datat 24 ta' Awissu 1990 (fol 44) kull ammont dovut lil l-attur mill-konvenut John Attard gie mhallas ghas-saldu u ma hemm l-ebda ammont iehor li jista' jkun dovut.

Finalment il-pretensjoni ta' l-attur ghal terz mill-qliegh tar-rikavat tal-bejgh ta' l-assi da parti tas-socjeta' percepiet mis-socji huwa in konflitt mat-talba tieghu ghall-hlas ta' bilanc ta' prezz pretiz ghal bejgh ta' sehemu.

Il-konvenut Charles Attard eccepixxa wkoll li ghar-rigward tat-talba ta' l-attur ghal terz mill-qliegh tar-rikavat tal-bejgh ta' l-assi tas-socjeta' kummercjali, hu jopponiha ghaliex mhiex fondata, izda ghar-rigward ghat-talba l-ohra ghal hlas ta' Lm24,351, hu jirrimetti ruhhu ghal dak li jirrizulta fil-kawza.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Fatti**

Bhala fatti jirrizulta li fil-1980 il-partijiet, li kienu socji fil-kumpanija kummemrcjali Attard Brothers, ftehemu li l-konvenuti jixtru s-sehem ta’ l-attur f’dik is-socjeta’ billi dana ma setghax ikompli. Kien sar *stock taking* tal-kumpanija, izda ma saritx valutazzjoni f’dak il-perijodu -- dina saret hafna aktar tard, fil-1992. Minn 1980 il quddiem il-konvenuti bdew ihallsu lill attur ta’ sehemu u l-attur ha xi Lm12,000 u fil-1986 il-pagamenti waqfu ghax il-konvenut John Attard ippretenda li l-attur kien thallas kollox ta’ sehemu. L-attur pero’ kien insista li kellu jkompli jithallas u fil-1990 l-partijiet ifformalizzaw ix-xiri ta’ sehem l-attur billi sar kuntratt pubbliku u l-konvenuti ttrasferew lill attur xi proprjeta’ ghas saldu tal-pretenzjonijiet tieghu. Wara dana l-kuntratt pero’ l-attur baqa’ jippretendi li kellu jiehu aktar flus billi l-valutazzjoni ta’ l-istock gie konkjuz fil-1992, cjoe wara li sar il-kuntratt, ghalhekk kien biss f’dak l-istadju li s-sehem tieghu setgha jigi determinat. Il-konvenut John Attard m’accettax li hu ghandu jaghti xi haga oltre, kemm bhala kapital kif ukoll bhala imghax, wara l-kuntratt tal-1990. Charles Attard kien accetta li kien hemm bilanc dovut lill attur izda mhux l-imghax li kien qed jippretendi l-attur. Kienu saru xi pagamenti u anke inkontri bejn il-partijiet u l-avukati taghhom biex jintlahaq ftehim bonarju izda l-partijiet ma waslux u saret dina l-kawza.

**Terz mill-qliegh**

Kwantu ghat-talba ta’ l-attur ghal terz mill-qliegh tar-rikavat tal-bejgh ta’ l-assi tas-socjeta’ percepiet mis-socji, il-Qorti taqbel mal-konvenuti li dina t-talba hija nfondata. Trid issir distinzjoni bejn il-bejgh ta’ sehem l-attur fis-socjeta’ konvenuta u l-likwidazzjoni tas-sehem spettanti lill attur bhala socju mis-socjeta’. Min ibiegh sehemu minn kumpanija ma jistax imbaghad jippretendi wara li jkun spicca mill-kumpanija sehem mir-rikavat mill-bejgh ta’ l-assi tal-kumpanija. Infatti l-azzjoni li ghamel l-attur hija kontra s-socji l-ohra, l-konvenuti, u mhux kontra s-socjeta’ innifisha. Joseph Attard kien ittrasferixxa sehemu lill konvenuti u b’dan gie nfurmat ir-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali ghalhekk kull ma jista’ jkollu l-attur hi azzjoni ghal prezz ta’ sehemu li kien ittrasferixxa u mhux ghal likwidazzjoni tal-kumpanija.

Illi ghalhekk dina t-talba ma tistax tigi milqugha.

**Prezz ta’ sehem l-attur**

Il-konvenut John Attard qed jirritjeni wkoll li lanqas dina l-azzjoni ta’ l-attur ghal prezz ta’ sehemu ma tista tigi milqugha billi l-prezz li qed jitlob l-attur gie pjenament imhallas kif jirrizulta mill kuntratt ta’ trasferiment datat 24 ta’ Awissu 1990 (fol 44), u ma kien hemm, skond l-istess kuntratt, l-ebda bilanc li kien dovut, u dana billi gja’ kien gie dikjarat fuq il-kuntratt li:

*Il-komparenti Joseph Attard ghalhekk jiddikjara ruhu soddisfatt ghal kollox u li ma fadallux aktar pretensjonijiet kontra l-komparenti l-ohra fir-rigward tal-likwidazzjoni ta’ sehemu fis-socjeta’ Attard Brothers.*

Il-konvenut John Attard issottometta  li jekk l-attur qed jippretendi li kien hemm xi somma ohra dovuta, apparti dak stipulat fl-istess kuntratt, ma ngabitx prova li kien hemm ftehim li kellu jithallas xi bilanc iehor lilu, u jekk kien hemm xi somma li kellha tithallas dina hija illegali ghax intiza biex tevadi t-taxxa.

Apparti dak li kien diga thallas, l-attur qed jippretendi li ghandu jiehu Lm24,351 bhala bilanc mill-kapital u l-hlas ta’ l-imghax bir-rata kummercjali fuq is-somma totali ta’ Lm90,566 li jibda mill-1 ta’ Marzu 1980 sad-data tal-effettiv pagament (ara fol 277). L-attur jirritjeni li ghalkemm hu kien iffirma il-kuntratt a fol 44 fejn hemm id-dikjarazzjoni fuq imsemmija, fil-fatt il-konvenuti kienu jafu li hu ghad ghandu jiehu aktar flus billi l-valutazzjoni ta’ lli stock ma kienitx ghadha saret meta kien gie iffirmat il-kuntratt fil-1990 u kien biss fin 1992 li gie definittivament stabilit kemm kien il-valur tas-sehem ta’ l-attur.

Bhala prova ta’ dana l-attur xehed u gab xhieda (ara xhieda ta’ Charles Attard, Frans Attard u Joseph Vella), biex jikkonfermaw li wara il-1990 cjoe wara d-data tal-kuntratt ta’ trasferiment,  hu kien baqa’ jigi mhallas mill-konvenuti flus akkont ta’ sehemu, u li b’dan kien jaf John

Attard ukoll. Il-konvenut John Attard pero’ xehed li dawn il-pagamenti saru minn wara daru, saru fi zmien qasir ta’ tlett xhur meta l-kumpanija kienet qed titmexxa minn managers ad hoc, u fi flus li thallsu mill-fondi tal-kumpanija u mhux minn flus tas-socji. Hu qatt ma qabel li kien hemm bilanc jew imghax dovut lill attur wara li sar it-trasferiment fil-1990.

L-attur ukoll isostni li l-konvenut John Attard kien offra lill attur Lm50,000 u kien irrikonoxxa li l-attur kien baqghalu jiehu bilanc ta’ ‘l fuq minn Lm28,000 oltre l-imghax (ara fol 36 u 37). Dawn id-dokumenti juru skond l-attur li ferm wara il-1986 u anke wara in 1990 l-konvenut John Attard kien qed jirrikonoxxi li l-attur ghandu jiehu. Dwar dana l-konvenut John Attard jissottometti li dak li gara ghandu jigi interpretat biss bhala sforz da parti tieghu biex jasal ghal ftehim dwar dina l-vertenza ma huh, u ma tistax tigi interpretata bhala xi rinunzja ta’ drittijiet da parti tieghu jew ammissjoni ta’ xi ammont dovut. Dawn l-offerti kienu qed isiru minghajr pregudizzju.

**Tikkunsidra**

Illi l-kuntratt li gie iffirmat bejn il-partijiet fl-24 ta’ Awissu 1990 (fol 44), qabel id-dikjarazzjoni fuq suriferita, ippremetta hekk:

*Illi l-komparenti Joseph Attard kien iddecieda li jirtira mis-socjeta Attard Brothers…..*

*Illi ghalhekk bi ftehim bejn it-tliet komparenti, il-komparenti Joseph Attard kellu jircievi minghand iz-zewg socji l-ohra fi flus kontanti u proprejta ammont* ***li hu ekwivalenti ghal terz tal-valur tal-assi tal-imsemmija socjeta ibbazat fuq l-istess valur f’dik il-gurnata imsemmija ( cioe fit 2 ta’ Jannar tas sena 1981) skond il-kotba ufficjali tas-socjeta’.***

***Illi llum il-komparenti Joseph Attard <u>baqghalu</u> jircievi s-somma ta’ sitt elef liri Maltin (Lm6,000) <u>ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu kollha.</u>***

*Ghal dan il-ghan il-komparenti John Attard u Carmel Attard qieghdin jassenjaw lill komparenti l-iehor Joseph Attard li jaccetta u jakkwista b'titolu ta' datio in solutum* <u>*tal-pretensjonijiet tieghu kollha fuq imsemmija*</u> *…….*

Imbaghad jinghad li:

*Il-komparenti Joseph Attard ghalhekk jiddikjara ruhu soddisfatt ghal kollox u li ma fadallux aktar pretensjonijiet kontra l-komparenti l-ohra fir-rigward tal-likwidazzjoni ta' sehemu fis-socjeta Attard Brothers.*

Meta l-attur gie mistoqsi dwar dak li kien iffirma, b'riferenza ghal kuntratt a fol 44, hu cahad li kien thallas ghas-saldu u dana billi sehemu mill-istock lanqas kien ghadu ma gie valutat. Hu kien ha sehemu mill mahzen izda mhux mill-istock li gie stabilit biss fil-1992. Fil-1990 kien sar il-kuntratt biex huwa jkun jista' jiehu sehemu mill-mahzen.

Hu xehed li jiftakar li kien iffirma dak il-kuntratt u li n-Nutar kien qrahulu, kif ukoll li fehem il-kuntratt. Mistoqsi ghaliex mela fil-kuntratt qal li minghand Attard Brothers ma kien fadallu jiehu xejn izjed, wiegeb li kien henn ghal hutu ghax il-kuntratt ried isir biex hu jiehu parti mill-mahzen Olympic pero' l-ammont li kellu jiehu ma kienx ghadu stabbilit. Billi l-istock ma kienx ghadu nhadem allura dakinhar tal-kuntratt hu ma kellux triq ohra hlief li jiffirmah u jafdhom li l-istock kien ser jinhadem u kien ser jiehu d-differenza tal-flus (ara fol 19).

Il-kuntratt in kwistjoni hu redatt min-nutar pubbliku u hu car u jirrifletti sewwa r-rieda tal-kontraenti u huwa espress legalment b'mod korrett. Ma jirrapprezenta l-ebda dubbju ta' interpretazzjoni u l-kliem u t-termini espressi fih ma jistghu jfissru xejn aktar hlief dak li l-kontraenti riedu li jfisser u li taw il-kunsens ghalih. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa li kellha tipprevali u trid tigi osservata. *Pacta sunt servanda.*

"Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biss biex tikkjarixxi l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu" (Vol. XXXIV, P.III, p.746).

F'dan il-kaz ma hemm xejn li hu ambigwu jew mhux car. L-attur fl-beda stadju ma ghamel xi riserva ghall xi bilanc li setgha kien dovut lilu u lanqas ma ghamel rizerva ghall imghax li issa qed jippretendi. Lanqas ma gie attakkat dana l-kuntratt ghal xi raguni bhal l-ezistenza tas-simulazzjoni, frodi jew xi raguni ohra valida fil-ligi. L-attur fehem x'kien qed jiffirma tant li qal li ghamel hekk ghax henn ghal huh u kien jafdah.

Illi skond il gurisprudenza u l-ligi "jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta' ta' pagament a saldu." (ara sentenza Apap vs Galea et noe App.Kum. 26/11/86).

B'riferenza ghall l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni l-attur qed jissottometti li l-preskrizzjoni giet interotta bl-ittri ufficjali, bil-pagamenti maghmula wara il-1990 u bl-offerta' li ghamel il-konvenut fl-ammont ta' Lm50,000.

Kwantu ghall pagamenti li saru wara il-1990 il-Qorti hi tal-fehma li meta dawn saru, l-konvenut John Attard ma kienx konsapevoli taghhom u ma kienx ikun favur li jsiru kieku kien jaf bihom ghax hu dejjem sostna li lill attur ma kien fadallu jaghtih xejn. Hu qatt ma ghamel ebda pagament ta' Lm1,000 lill attur u dak li gie mhallas lill attur thallas mill-flus tal-kumpanija u mhux minn tas-socji.

Kwantu ghad diversi offerti li l-attur jghid li l-konvenut John Attard ghamillu, John Attard irribatta li dawn saru minghajr pregudizzju biex tigi solvuta l-vertenza amikevolment ma huh. Skond il-gurisprudenza "l-offerti li jsiru in linea ta'

transazzjoni m'ghandhomx effikacja li jinterrompu l-preskrizzjoni jew l-effikacja tar-rikonoxximent tad-dejn, ghaliex proposti simili isiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti" (Vol 34 p 1 p 326) "Wiehed ma jkunx qed jammetti d-debitu tieghu jekk huwa jghid jew juri li huwa lest li jelimina l-kwistjonijiet reciproci b'xi transazzjoni jew b'mod bonarju. Huwa notorju li t-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi espolorata l-possibilita' ta' xi ftehim huwa dejjem minghajr pregudizzju" (Mifsud vs Felice Gay PA 5/10/72; Frendo vs Faenza App Inf. 2/6/2000).

"Il-fatt li jkunu saru diversi laqghat bejn il-partijiet bil-ghan li l-vertenza tigi rizolta ma jfissirx li b'daqshekk il-preskrizzjoni giet interotta ghaliex tali rinunzja da parti tal-konvenut trid tkun cara". (PA 28/4/2004 Micallef vs Zammit).

"Trattativi mizmuma pendent elite intizi biex tinsab soluzzjoni ghall-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti, jinzammu dejjem bla pregudizzju u l-kontenut ta' dawk it-trattattivi, sakemm ma jkunux wasslu ghas-soluzzjoni tal-vertenza, ma jista' qatt jigi uzat minn wahda mill-partijiet minghajr il-kunsens tal-kontro-parti u mhux ammissibli bhala prova" (App 16/4/2004 Mizzi vs Mousu).

Anke kieku kellu jigi ritenut li jezisti dubbju fl-interpretazzjoni ta' l-atteggjament tal-konvenut John Attard, hu accettat li "fejn jezisti dubju serju, dan ghandu jmur favur dak li kontra tieghu tkun qeghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt" (Vol 33 p1 p 44 u App Inf Mizzi vs Camilleri 20/10/04).

Fil-kaz in ezami l-preskrizzjoni sollevata hija dika ta' hames snin. Dan il-perijodu ddekorra billi l-pretensjoni ta' l-attur setghet biss tqum wara t-trasferiment tal-1990 waqt li c-citazzjoni gie prezentata fis-sena 2000. Kif gja nghad il-konvenut qatt ma rrikonoxxa li huwa kellu jaghti xi haga lill attur wara l-kuntratt ta' trasferiment tal-1990 u dan nonostante it-trattativi biex il-vertenza tigi solvuta amikevolment, ghalhekk l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ghandha wkoll tigi akkolta.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motiv
Il-Qorti tiddeciedi
Prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti
Tichad it-talba ta' l-attur
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------